# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 493/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MF**

**vs**

**JF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MF, datat 5 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat fl-ghaxra (10) ta' Ottubru 1975 fil-Katidral tal-Mdina (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok.A)*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied RF f'X u SF F'Y illum t-tnejn maggorenni.*

*Illi l-partijiet ghandhom separazzjoni tal-assi ipprezentata quddiem in-Nutar Dottor Herbert Cassar fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru 2014 annessa u mmarkata Dok.B.*

*Illi l-istess partijiet ilhom ghal aktar minn dawn l-ahhar 4 snin jghixu hajja kompletament independent minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi in oltre, l-partijiet ma ghandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigward ta'*

*manteniment.*

*Illi r-rikorrenti MF tixtieq tottjeni divorzju u li z-zwieg tal-partijiet jigi mahlul.*

*Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji impost mill-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tippronunzja l-hall li z-zwieg kuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru 1975 fil-Katidral tal-Mdina, jigi mahlul;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien iffissat din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tall-partijiet sabiex dan jigi regiatrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci (Vide fol 30);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-fakolta moghtija lil intimat sabiex jipprezenta sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158(10), Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (vide fol 30);

Rat illi minkejja dan, l-intimat baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat;**

**MF** xehdet illi l-partijiet izzewgu fl-10 t'Ottubru 1975 u illi l-partijiet kienu isseparaw permezz

ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 29 ta' Dicembru 2014. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, illum it-tnejn maggorenni. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm fix-xhieda taghha r-rikorrenti tirreferi ghall-kuntratt tad-29 ta' Dicembru 2014 bhala kuntratt ta' separazzjoni, fil-verita dan m'huwiex kuntratt ta' separazzjoni izda huwa kuntratt permezz ta' liema l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti u poggew fis-sehh bejniethom is-separazzjoni tal-assi. Mill-atti ma jirrizultax illi l-partijiet huma legalment separati. Dan ifisser illi r-rikorrenti ma setghatx tipprocedi direttament ghal dawn il-proceduri izda kellha l-ewwel titlob awtorizzazzjoni mill-Qorti permezz ta' rikors appozitu. Dan skont ir-regolament numru 4(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 li jipprovdi:-

> "***Meta konjuġi tkun trid tipproċedi biex tibda kawża għas-separazzjoni personali jew divorzju kontra l-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, dik il-parti għandha l-ewwel titlob l-awtorità li tipproċedi mill-Qorti ċivili (Diviżjoni tal-Familja) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Diviżjoni tal-Familja) skond il-każ, kull wieħed minn dawn il-qrati, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "il-Qorti", billi tippreżenta ittra, fil-każ ta' separazzjoni personali, jew billi tippreżenta rikors, fil-każ ta' divorzju, kif ikun il-każ, għal dan il-għan fir-reġstru tal-Qorti indirizzata lir-Reġistratur fejn fiha jiġi indikat kemm l-isem u l-indirizz ta' min ikun qed jippreżenta l-ittra kif ukoll dawk tal-parti l-oħra u jitolbu lill-Qorti tawtorizza lilha jew lilu biex jipproċedu.***"

Il-Qorti taghraf ukoll illi skont l-Artikolu 66G (2) (a) f'kaz fejn il-partijiet ikunu ghadhom m'humiex legalment separati, l-avukat tar-rikorrent ghandu l-obbligu illi jipprezenta nota fejn jikkonferma illi huwa osserva l-htigijiet tal-Artikolu 66G (1) mar-rikors promotur, jew sa l-ewwel smiegh tal-kawza. Minn ezami tal-atti ma jirrizultax illi din in-nota giet prezentata.

Illi ghaldaqstant jirrizulta illi dawn il-proceduri huma milquta b'difett procedural serju u ghaldaqstant it-talbiet attrici tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-meritu.

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**